# IL-QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja M.A. (Law), LL.D. (melit)**

**Illum 20 ta' Jannar 2022**

Appell numru 294/2021

**Il-Pulizija**
**vs.**
**Abdell Raouf Mohfoudi ALI HASSAN**

Il-Qorti rat is-segwenti :

## A. L-IMPUTAZZJONIJIET

1. Dan huwa appell minn sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) nhar it-13 ta' Settembru 2021 fil-konfront ta' **Abdell Raouf Mohfoudi ALI HASSAN** (detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 49044A) li ġie mixli talli b'diversi atti magħmulin minnu, ukoll jekk fi żminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Liġi u jkunu ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda, bejn Ġunju 2018 u Awissu 2018 meta hekk ordnat minn xi Qorti jew marbut b'kuntratt naqas milli jagħti lil Brenda Farrugia s-somma hekk iffissata minn dik il-Qorti jew stipulata bil-kuntratt bħala manteniment għaliha u/jew għall-ulied fi żmien ħmistax -il jum minn dak -il jum li fih, skont l-ordni jew dak il-kuntratt ikollha titħallas is-somma.

## B. IS-SENTENZA APPELLATA

2. Permezz tas-sentenza aktar 'il fuq imsemmija, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, sabet lill-appellant GALEA ħati tal-imputazzjoni miġjuba fil-konfront tiegħu u kkundannatu għal **tliet xhur priġunerija**.

## C. L-APPELL INTERPOST

3. Illi l-appellant **Abdell Raouf Mohfoudi ALI HASSAN** appella minn din is-sentenza fejn talab lil Qorti sabiex tħassar is-sentenza appellata u tillibera lill-appellant mill-imputazzjoni dedotta kontra tiegħu jew f'każ li tikkonferma s-sejbien ta' ħtija, filwaqt li tikkonferma dik il-parti fejn sabitu ħati tal-imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu tħassarha f'dik il-parti fejn ikkundannatu għall-piena ta' tliet xhur priġunerija u minflok tikkundannah għal piena aktar ekwa u ġusta fiċ-ċirkostanzi tal-każ. Dan ġie mistqarr wara li l-appellant saħaq illi :
    a. Huwa kien fi stat ta' impossibilta li jħallas il-manteniment minħabba li jgħid li huwa kien għaddej minn perjodu diffiċli karatterizzat minn diversi problemi finanzjarji, ta' saħħa u problemi familjari li kienu ilhom għadhom għaddejjin għaxar snin. L-appellant jgħid li xehed quddiem il-Qorti tal-Maġistrati li naqas milli jħallas il-manteniment mhux kapriċċożament iżda għaliex kien impossibbli għalih li jħallas. Jgħid li ġiet eżebita dokumentazzjoni li tixhed il-qagħda finanzjarja prekarja tiegħu tant li ġie mogħti l-għajnuna legali. Igħid ukoll li jbagħti minn dipressjoni, jieħu mediċina, ibagħati minn pressjoni għolja u kunudizzjonijiet oħra li ġew ċertifikati mit-tabib tal-Faċilita Korrettiva ta' Kordin. Minkejja li xehed viva voce dwar dan, il-Qorti ma ħaditx konjizzjoni ta' dak mistqarr minnu. Iżid li illum qed jipprova jerġa jibni ħajtu mill-ġdid u minkejja li għad fadallu ftit żmien x'jiskonta, l-Qorti tal-Maġistrati ma kkonċeditlux possibilta li kif joħroġ jibda jħallas dejnu.
    b. Il-piena erogata kienet waħda eċċessiva peress li huwa ma ħallasx il-manteniment mhux kapriċċożament iżda għax verament kien fl-impossibilta li jħallas.

**Ikkunsidrat**

4. Illi l-Liġi tafda l-eżerċizzju tal-analiżi tal-provi primarjament f'idejn il-Qorti tal-Maġistrati. Dan peress li l-Qorti tal-Maġistrati tkun fl-aħjar qagħda tqis il-provi kollha għax, normalment, tkun għexet personalment il-proċess quddiemha. Hija tkun setgħet tara u tisma' lix-xiehda jixhdu quddiemha - ħaġa li din il-Qorti ma kellhiex l-opportunita li tagħmel. U għalhekk huwa għaqli li l-Liġi tħalli prinċipalment dan l-eżerċizzju ta' analiżi u apprezzament tax-xiehda tax-xhieda f'idejn il-Qorti tal-Maġistrati; liema eżerċizzju huwa importanzi ħafna u li din il-Qorti ttih il-piż li jixraqlu, in kwantu ma jistax jiġi disturbat kif ġieb u laħaq.

5. Anke fejn il-Qorti tal-Maġistrati, għal xi raġuni jew oħra, ma tkunx semgħet ix-xhieda kollha hi stess, xorta waħda l-Liġi tafda l-eżerċizzju tal-analiżi u deċiżjoni dwar il-fatti f'idejn il-Qorti tal-Maġistrati. Il-Qorti tal-appell xorta tibqa' Qorti tat-tieni grad, biex, fil-każijiet appellati tara jekk u safejn il-Qorti tal-Maġistrati setgħetx legalment u raġonevolment tasal għall-konklużjonijiet milħuqa minnha in bażi għall-dawk il-provi u l-argumenti legali miġjuba quddiemha. Biss, kif intqal, din il-Qorti ma taqbadx u tibdel id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati kif ġieb u laħaq, u dan għar-raġuni miġjuba fil-kawża **Il-Pulizija vs. Lorenzo Baldacchino** deċiża mill-Qorti Kriminali bħala Qorti tal-Appell deċiża nhar it-30 ta' Marzu 1963 mill-Imħallef William Harding fejn intqal is-segwenti:

> Ma hemmx bżonn jinghad li l-komportament tax-xhud (demeanour) hu fattur importanti ta' kredibilita (ara Powell, On Evidence, p. 505), u kien, ghalhekk, li inghad mill-Qrati Ingliżi segwiti anki mill-Qrati taghna, illi "great weight should be attached to the finding of fact at which the judge of first instance has arrived" (idem, p. 700), appuntu ghaliex "he has had an opportunity of testing their credit by their demeanour under examination".

6. In definittiva, kif intqal minn din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenza **Il-Pulizija vs. Vincent Calleja** deċiża nhar is-7 ta' Marzu 2002 din il-Qorti, bħala Qorti ta' reviżjoni tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati ma terġax tagħmel ġudizzju ġdid fuq il-każ f'dak li għandu x'jaqsam mal-valutazzjoni u evalwazzjoni tal-fatti tal-każ, iżda tillimita biss ruħha biex tara jekk id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati kienetx "unsafe and unsatisfactory" fuq il-bażi tar-riżultanzi li jkollha quddiemha dik il-Qorti. B'hekk din il-Qorti ma tistax tissostitwixxi d-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati sakemm id-deċiżjoni ta' dik il-Qorti ma tkunx "unsafe and unsatisfactory". Iġifieri jekk din il-Qorti tara li

l-Qorti tal-Maġistrati setgħet legalment u raġonevolment tasal għall-konklużjonijiet li waslet għalihom fuq il-bażi tal-provi u tal-argumenti legali li kellha quddiemha, allura din il-Qorti ma tistax taqbad u tibdel il-konklużjonijiet ta' dik il-Qorti – anke jekk il-Qorti tal-Appell Kriminali setgħet kienet tasal għal konklużjoni differenti minn dik milħuqa mill-Qorti tal-Maġistrati.

7. L-ewwel aggravju tal-appellant huwa pernjat fuq l-argument li kien impossibbli għalih li jħallas il-manteniment de quo minħabba li kien maħkum minn ħafna problemi, inkluż dawk finanzjarji u mentali kif ukoll li kien ukoll rikoverat l-isptar Monte Carmeli fil-perjodu rilevanti għal din il-kawża. Fir-rikors tal-appell tiegħu huwa jgħid ukoll li huwa xehed quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, spjega l-posizzjoni tiegħu u dik il-Qorti ma kkunsidratx ix-xiehda tiegħu.

8. Din il-Qorti eżaminat l-atti u ma setgħetx issib verbal li fih jingħad li l-appellant xehed quddiem il-Qorti tal-Maġistrati. Ma jirriżultax mill-atti li huwa xehed quddiem dik il-Qorti kif saħaq fl-appell tiegħu. L-anqas jirriżulta li hemm fil-proċess xi kopja tat-traskrizzjoni tax-xiehda bħal dik tax-xiehda tax-xhieda l-oħra li xehdu quddiem dik il-Qorti. Din il-Qorti għalhekk ma tistax tifhem kif l-appellant jgħid li huwa xehed u spjega l-posizzjoni tiegħu quddiem dik il-Qorti meta xejn minn dan ma jirriżulta mill-atti.

9. Apparti minn hekk huwa jgħid li kien Monte Carmeli u li kellu diversi problemi finanzjarji kif ukoll li preżenta dokumenti biex isaħħaħ dan. Iżda anke dwar dan ma jirriżulta li ma kienet inġiebet ebda prova quddiem il-Qorti tal-Maġistrati. B'hekk anke fuq dan il-punt din il-Qorti ma tistax tifhem kif l-appellant qiegħed jgħid hekk mentri fl-inkartament tal-appell ma jirriżulta xejn minn dak li stqarr l-appellant fir-rikors tal-appell tiegħu.

10. L-anqas jirriżulta li hemm xi prova oħra li ssaħħaħ dak mistqarr mill-appellant fix-xiehda tiegħu. Ma jirriżultax l-anqas li huwa għamel xi proċedura oħra ta' natura ċivili biex ikun jista' jibdel is-sitwazzjoni tiegħu marbuta mal-manteniment – aktar milli s-sitwazzjoni tiegħu dwar jekk hux missier il-minuri in kwistjoni o meno. Din hija kawża kontra tiegħu dwar nuqqas ta' ħlas tal-manteniment u b'hekk l-azzjoni li huwa kien mistenni li jieħu kienet marbuta ma dak li huwa jgħid li kien jirrendih f'impossibilita li jkun jista' jħallas il-manteniment li kien ordnat minnu. Iżda l-anqas dan ma jirriżulta li sar.

11. Din il-Qorti taqbel ma' dak mistqarr fl-appell kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Carmel Pace** tat-30 ta' Novembru 2011 fejn ġie speċifikament deċiż li:

> Kif ripetutament affermat minn din il-Qorti, ir-reat kontemplat fl-Artikolu 338(*z*) tal-Kodici Kriminali1 huwa reat kontra l-ordni pubbliku, u wiehed li l-pulizija jistghu jipprocedu fir-rigward tieghu *ex officio* u anke minghajr il-kwerela tal-parti leza (ghalkemm bhala fatt, peress li l-koppji li jkunu jinsabu f'din is-sitwazzjoni, ma jkollhomx pulizija erbgha w ghoxrin siegha maghhom, dawn il-proceduri invarjabbilment jibdew bi kwerela tal-parti leza). L-obbligu tal-hlas tal-manteniment johrog direttament mis-sentenza tal-Qorti Civili (jew mill-kuntratt pubbliku, skond il-kaz), u ma hemm assolutament ebda necessita` li min ikun ser jircievi dak il-manteniment joqghod jitolbu jew jigri warajh. L-uniku prerekwizit ghall-procedibbilita` li l-ligi timponi huwa t-trapass ta' hmistax-il jum mid-data li fiha l-manteniment kellu jithallas. Xejn aktar. Ghalhekk dana l-aggravju qed jigi respint.

12. Fl-appell kriminali **Il-Pulizija vs. Publius Said** din il-Qorti diversament ippreseduta sostniet:

> L-ordnijiet tal-Qrati, bhad-digriet tas-Sekond' Awla li jiffissa l-manteniment pendente lite, jridu jigu osservati skrupolozament u minghajr tfettieq u kavillar zejjed, inkella facilment f'kawzi, fejn ikun hemm element qawwi ta' pika bejn il-mizzewgin dwar kull haga possibbli w immaginabbli, il-Qorti ta' gurisdizzjoni kriminali tigi ridotta f' Qorti ta' appell mid-digrieti tal-Qrati Civili. Ir-rimedju ta' min ikun ihossu aggravat b' xi digriet tal-Qrati Civili kemm dwar alimenti kif ukoll dwar access mhux li jiehu l-ligi b'idejh, imma li jirrikorri lill-istess Qorti li tkun emanat id-digriet jew ordni relattiv u jitlob revoka, varjazzjoni jew aggustament tieghu biex jittiehed kont ta' xi kambjament fis-sitwazzjoni.
>
> Sakemm id-digriet jigi varjat jew revokat, dan ghandu jigi osservat.
>
> Ghall-finijiet tal-imsemmi art. 338(z) hu bizzejjed li l-Prosekuzzjoni tipprova:-
>
> 1. li nghata ordni minn Qorti ghall-hlas ta' manteniment;
>
> 2. li dak il-manteniment ma thallasx fi zmien hmistax (15) il-jum minn dak il-jum li fih skond l-ordni, kellha tithallas is-somma."
>
> <u>Ikun jispetta umbaghad lill-akkuzat li jipprova, jekk irid, u fuq bazi ta' probabbilita' li dak l-ordni kien gie revokat jew mibdul jew dikjarat null mill-Qorti kompetenti jew li kienet saret rikonciljazzjoni.[1]</u>

13. Minbarra dan il-ġurisprudenza patrija tgħallem ukoll li :

[1] Enfażi tal-Qorti.

Fl-Appell Kriminali fl-ismijiet Il-Pulizija v. Mario Mallia deciz fit-8 ta' Mejju 1998, intqal testwalment hekk: "Kif din il-Qorti kellha l-okkazjoni li tispjega aktar minn darba, ghall-finijiet ta' kawza penali meta limputazzjoni tipotizza r-reat kontravenzjonali filparagrafu (z) ta' l-artikolu 338 tal-Kap. 9, hu rrelevanti meta giet intavolata l-kawza ta' separazzjoni jew jekk intalbitx o meno proroga tad-digriet originali; galadarba l-ordni kkontenut f'dak id-digriet ma kienx espressament irrevokat jew altrimenti mibdul millistess Sekond'Awla jew mill-Prim'Awla (u salv il-prova ta' rikonciljazzjoni jew ta' dikjarazzjoni ta' Qorti ohra kompetenti li dak id-digriet jew dak l-ordni kien null) lordni ghall-hlas tal-manteniment jibqa' validu ghallfinijiet u effetti kolla ta' l-artikolu 338(z) tal-Kodici Kriminali - ara f'dan is-sens Il-Pulizija v. Lawrence Cilia, App. Krim. 10/3/95, u Il-Pulizija v. Carmelo Farrugia, App. Krim. 23 ta' Jannar 1998 (App. Nru. 161/97)." U fl-Appell Kriminali Il-Pulizija vs Raymond Cutajar, deciz minn din il-Qorti diversament presjeduta fit-2 ta' Settembru 1999, gie ritenut hekk1 : "Ordni ghall-hlas ta' manteniment kontenut f'digriet moghti skond il-proviso tas-subartikolu (1) talArtikolu 470 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili … jibqa' validu, ghall-finijiet u effetti kollha tal-Artikolu 338(z) tal-Kodici Kriminali, irrispettivament minn jekk ic-citazzjoni quddiem ilPrim'Awla gietx intavolata o meno, kemm-il darba ma jkunx jirrizulta li dak id-digriet gie espressament revokat jew altrimenti mibdul mill-istess Sekond'Awla jew mill-Prim 'Awla, u salv il-prova ta' rikonciljazzjoni jew ta' dikjarazzjoni ta' qorti ohra kompetenti li dak iddigriet jew dak l-ordni kien null.[2]

14. B'hekk l-appellant naqas milli jressaq prova quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, almenu sal-grad tal-probabbli, dwar dak li huwa issa allega fir-rikors tal-appell tiegħu u matul it-trattazzjoni ta' dan l-appell. Dik il-Qorti ma kellha ebda prova, għajr ħlief l-istqarrija tal-appellant mal-Pulizija fil-persuna ta' PC897 David Gauci li huwa kien rikoverat Monte Carmeli. L-appellant ma ressaq ebda prova oħra dwar dan il-punt; u żgur li d-dikjarazzjoni ta' dak li l-appellant allegatament stqarr ma' PC897 ma tistax titqies l-aqwa prova dwar il-kontenut ta' dak allegatament mistqarr mill-appellant lil dak il-kuntistabbli tal-Pulizija.

15. L-appellant l-anqas ma ressaq prova oħra li turi li d-digriet li kien maħruġ mill-Qorti kompetenti u li kien jobbligah iħallas il-manteniment reklamat mill-parte civile, kien ġie b'xi mod mibdul jew imħassar minħabba s-sitwazzjoni allegatament prekarja tal-appellant. Fid-dawl ta' dan kollu, dik il-Qorti ma tistax titqies li kienet legalment u raġonevolment żbaljata fil-konklużjonijiet tagħha.

16. Minbarra dan kollu hemm imbagħad ix-xiehda tal-parte civile li mhux biss saħqet li kellha digriet maħruġ mill-Qorti kompetenti li kien jordna lill-appellant iħallas il-manteniment kif hemmhekk spjegat,

[2] **Il-Pulizija vs. Evan Mamo** deċiż fis-27 t'April 2005.

iżda wkoll li minn mindu inħareġ dak id-digriet l-appellant ma kienx, almenu minn jeddu, ħallas il-manteniment dovut lill-minuri kif kien ordnat jagħmel. Barra minn hekk il-fatt li l-appellant jallega li dawk il-minuri ma kienux uliedu u li ma kienx jagħraf li huwa kien il-missier huwa wkoll kontradett mill-kopja tal-estratt taċ-ċertifikati tat-twelid tal-minuri eżebiti fl-atti.

17. Din il-Qorti tifhem li l-appellant għamel żmien residenti fil-Faċilita Korrettiva ta' Kordin. Għalkemm il-Qorti tal-Maġistrati ma kellhiex l-aqwa prova dwar dan, jirriżulta li hemm indizji li jippuntaw lejn il-fatt li f'diversi żminijiet l-appellant kien verament residenti f'dik il-Faċilita. Dan jirriżulta mill-verbali a fol 51 u 55, u kif ukoll mill-affidavit ta' WPC11 Zenia Azzopardi, nonche mill-fedina penali aġġornata tal-appellant. Il-parte civile ġiet rapurata wkoll li meta kwerelat lill-appellant ma' PC897 David Gauci fis-16 ta' April 2018 hija kienet irrikonoxxiet li l-appellant kien għamel xi xhur rikoverat Monte Carmeli wkoll. Minkejja li din il-Qorti ma għandhiex l-aqwa prova dwar dawn ir-rikoveri jew residenzi, jibqa' l-fatt li dawk ir-rikoveri jew residenzi fil-Faċilita Korrettiva ta' Kordin fihom infushom ma jwaqfux l-effetti legali tad-digriet tal-manteniment li kien jorbot, u kien jibqa' jorbot lill-appellant. Iżda dawk iċ-ċirkostanzi setgħu ikunu raġuni li in bażi tagħha huwa setgħa, almenu, jagħmel talba lil Qorti kompetenti sabiex tirrevedi d-digriet tal-manteniment li kien jorbot lilu sabiex dan ikun jista' jieħu konjizzjoni tal-fatt li f'dawk iż-żminijiet partikolari huwa ma kellux possibilita li jaħdem u jaqla l-flus biex iħallas il-manteniment. Dan qiegħed jingħad mhux għax din il-Qorti qegħda tikkonċedi li dawk ir-rikoveri jew residenzi kienu raġuni ġusta biex hu ma jħallasx il-manteniment jew inkella li b'xi mod qed tgħid li l-Qorti kompetenti kienet obbligata li tqishom bħala xi raġuni tajba biex tvarja d-digriet tal-manteniment de quo. Iżda qiegħed jingħad fid-dawl tal-fatt li l-appellant ressaq l-argument tal-impossibilita quddiem din il-Qorti meta l-istess argument setgħa, u kellu semmai jitqajjem quddiem il-Qorti ċivili kompetenti. Imbagħad kieku ressaq dak l-argument quddiem dik il-Qorti kien ikun jispetta lil dik il-Qorti tiddeċiedi jekk dawk l-argumenti setgħux ikunu validi jew le biex hija tirrevedi d-digriet tagħha.

18. Iżda għal dak li jirrigwarda l-eżami li din il-Qorti ta' Ġustizzja Kriminali trid tagħmel, ġaladarba ġie soddisfaċentement ippruvat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati li l-ordni tal-Qorti ċivili kien inħareġ, kien fis-seħħ u ġie soddisfaċentement ippruvat ukoll li l-appellant kien naqas milli jimxi miegħu b'mod skrupoluż u mingħajr tfettieq u kavillar, u ġaladarba wkoll ma jirriżultax li l-appellant ressaq prova,

almenu sal-grad tal-probabbli quddiem il-Qorti tal-Maġistrati li dak id-digriet tal-manteniment kien ġie b'xi mod mibdul fid-dawl tal-fatti allegati minnu, allura din il-Qorti ma tistax tgħid li l-konklużjoni li waslet għaliha l-Qorti tal-Maġistrati fejn sabet lill-appellant ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu kienet waħda legalment u raġonevolment żbaljata.

19. Kwantu għall-piena inflitta mill-Qorti tal-Maġistrati, huwa prinċipju ormai stabbilt li f'materja ta' appell minn piena, sabiex Qorti tal-Appell Kriminali tibdel il-piena li tkun erogat l-ewwel Qorti, dan tagħmlu biss fl-eventwalita' li jirriżultalha li tali piena tkun żbaljata fil-prinċipju jew manifestament eċċessiva. Hekk ġie mistqarr mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri) fil-kawża fl-ismijiet **The Republic of Malta vs. Kandemir Meryem Nilgum and Kucuk Melek** deċiża nhar il-25 t'Awissu 2005:

> It is clear that the first Court took into account all the mitigating as well as the aggravating circumstances of the case, and therefore the punishment awarded is neither wrong in principle nor manifestly excessive, even when taking into account the second and third grounds of appeal of appellant Melek. As is stated in Blackstone's Criminal Practice 2004 (supra):
>
> "The phrase 'wrong in principle or manifestly excessive' has traditionally been accepted as encapsulating the Court of Appeal's general approach. It conveys the idea that the Court of Appeal will not interfere merely because the Crown Court sentence is above that which their lordships as individuals would have imposed. The appellant must be able to show that the way he was dealt with was outside the broad range of penalties or other dispositions appropriate to the case. Thus in Nuttall (1908) 1 Cr App R 180, Channell J said, 'This court will...be reluctant to interfere with sentences which do not seem to it to be wrong in principle, though they may appear heavy to individual judges' (emphasis added). Similarly, in Gumbs (1926) 19 Cr App R 74, Lord Hewart CJ stated: '...that this court never interferes with the discretion of the court below merely on the ground that this court might have passed a somewhat different sentence; for this court to revise a sentence there must be some error in principle." Both Channell J in Nuttall and Lord Hewart CJ in Gumbs use the phrase 'wrong in principle'. In more recent cases too numerous to mention, the Court of Appeal has used (either additionally or alternatively to 'wrong in principle') words to the effect that the sentence was 'excessive' or 'manifestly excessive'. This does not, however, cast any doubt on Channell J's dictum that a sentence will not be reduced merely because it was on the severe side – an appeal will succeed only if the sentence was excessive in the sense of being outside the appropriate range for the offence and offender in question, as opposed to being merely more than the Court of Appeal itself would have passed."[2]
>
> This is also the position that has been consistently taken by this Court, both in its superior as well as in its inferior jurisdiction.

20. Mill-banda l-oħra din il-Qorti trid tagħmel l-evalwazzjoni tagħha dwar jekk il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) applikatx piena li kienet manifestament eċċessiva meta wieħed jieħu kont ukoll tal-aspetti retributtivi u preventivi tas-sentenza emessa minnha. Kif intqal aktar il-fuq fl-appell **Kandemir** u li ġie wkoll imbagħad ribadit fl-appell superjuri **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Marco Zarb**, deċiża nhar il-15 ta' Diċembru 2005, din il-Qorti bħala Qorti ta' appell ma tiddisturbax is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-ewwel istanza sempliċiment għaliex kienet tippreskrivi piena li kienet għola minn dik li din il-Qorti kif komposta kienet kieku tagħti kieku kienet hi li qegħda teroga l-piena. Biex l-appell jirnexxi, kien meħtieġ li l-appellant juri li l-piena mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati kienet toħroġ barra mill-parametri tal-piena jew miżuri applikabbli għall-każ. Din il-Qorti ma tinterferix ma pieni li ma jkunux jidhru li huma żbaljati fil-prinċipju, għalkemm ikunu jidhru li huma pieni ħorox għal xi Ġudikanti.

21. Biex piena mogħtija minn Qorti tal-Ewwel Istanza tkun tista' tiġi mibdula jrid jiġi pruvat li kien hemm xi żball fil-prinċipju wara l-emanazzjoni ta' dik il-piena. Il-Qorti tal-Appell Kriminali fl-Ingilterra żviluppat ukoll il-kunċett ta' sindakabilita tal-piena tal-Qorti tal-Ewwel Istanza fil-każ li din tkun eċċessiva jew manifestament eċċessiva. Biss dan ma jfissirx li sempliċiment għax sentenza tkun tidher li hija fuq in-naħa aktar severa din tkun tissodisfa dan it-test tal-eċċessivita jew eċċessivita manifesta. Anzi dik il-Qorti ttenni li appell fuq tali piena jkun jista' jiġi milqugħ jekk jirriżulta li s-sentenza tkun barra l-parametri tal-piena li tkun applikabbli għall-offiża in kwistjoni u għaċ-ċirkostanzi tal-ħati u mhux għaliex tkun piena li tkun għola minn dik li kieku l-Qorti tal-Appell kienet teroga għall-każ in kwistjoni.

22. Dawn il-prinċipji ġew ukoll imħadnin minn din il-Qorti, kolleġjalment komposta fis-sentenza **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Carmen Butler et** deċiża nhar is-26 ta' Frar 2009 fejn ġie mistqarr ukoll is-segwenti:

> 8. Fil-verita`, dawn il-principji huma rifless tal-principju l-iehor li meta jkun hemm sentenza li tigi appellata mill-hati, il-Qorti tal-Appell Kriminali, bhala regola, ma tiddisturbax il-piena erogata mill-ewwel qorti sakemm dik il-piena ma tkunx manifestament sproporzjonata jew sakemm ma jirrizultax li l-ewwel qorti tkun naqset milli taghti importanza lil xi aspett partikolari tal-kaz (u anke, possibilment, lil xi cirkostanza sussegwenti ghas-sentenza ta' l-ewwel qorti) li kien jincidi b'mod partikolari fuq il- piena. S'intendi, kif diga` nghad, "sentencing is an art rather than a science" u wiehed ma jistax jippretendi xi precizjoni matematika jew identita` perfetta fit-tqabbil tal- fatti ta' kaz ma' iehor jew tal-piena erogata f'kaz ma' dik erogata f'kaz iehor.

23. Il-ġurisprudenza prevalenti f'dan il-kuntest, tgħallem li meta Qorti tiġi biex teroga piena trid tieħu kont taċ-ċirkostanzi kollha li jsawru l-każ, jiġifieri dawk tal-vitmi, l-interessi tal-komunita kollha kemm hi, kif ukoll dawk tal-ħati. F'dan is-sens, kemm il-ġurisprudenza lokali kif ukoll dik Ingliża tistabbilixxi li fl-eżerċiżżju ta' reviżjoni imħolli lilha, il-Qorti tal-Appell Kriminali trid tistħarreġ appell fuq il-piena inflitta kemm billi tqis iċ-ċirkostanzi kollha prevalenti li l-Qorti tal-Ewwel Istanza setgħet kienet f'qagħda li tara, kif ukoll, skont kif imsemmi fis-sentenza **Butler** tqis anke, possibilment, lil xi ċirkostanza sussegwenti għas-sentenza ta' l-ewwel qorti.

24. Illi dan ir-reat jinsab f'Taqsima Tlieta tal-Kodiċi Kriminali, taħt is-sub-titolu numru wieħed f'dik is-sezzjoni li titratta l-kontravenzjonijiet li huma ta' ordni pubbliku, u l-piena relattiva hija, skont l-Artikolu 7(2) tal-imsemmi Kodiċi :

a) Id-detenzjoni,
b) L-ammenda,
c) Iċ-ċanfira jew it-twiddiba.

25. Iżda ġaladarba l-Qorti kkunsidrat li f'dan il-każ id-diversi infrazzjonijiet ġew marbuta ma xulxin bil-kwalifika tar-reat kontinwat u b'hekk dik il-Qorti setgħet tawmenta l-piena bi grad jew tnejn, biex b'hekk il-piena imponibbli f'dan il-każ kienet taqa' sew fir-relm ukoll tal-pieni tal-priġunerija, kif imposta mill-Qorti tal-Maġistrati. Jidher ukoll li dik il-Qorti ħadet ukoll qies tal-fatt li mix-xiehda tal-parte civile jirriżulta li mid-data tad-digriet sakemm hija għamlet il-kwereli tagħha l-appellant ma kien qatt ħallasha l-manteniment. F'dan l-isfond ukoll jirriżulta li l-piena imposta minn dik il-Qorti kienet fil-parametri u ma kienetx eċċessiva. Ma jirriżultax l-anqas li matul il-kors ta' dan il-każ l-appellant kien ħallas l-ammont ordnat lilu jew almenu parti minnu.

# Deċide

Għaldaqstant, għar-raġunijiet premessi, tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

**Aaron M. Bugeja,**
**Imħallef**